MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 49/2001/1

**Mary Saliba et**

**vs**

**Alfred Micallef**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponenti.

Illi l-esponenti jikru lill-intimat l-fond numru 44, Triq San Gejtanu, Hamrun, adebit bhala residenza, u dan versu l-kera ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fis-sena, jithallas kull tliet (3) xhur bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fil-5 ta' Gunju, 2001.

Illi l-intimat m'huwiex juza l-fond bhala residenza tieghu u zamm il-fond maghluq ghal dawn l-ahhar sentejn;

Illi l-intimat ma hallasx il-kera dovuta tal-ahhar tliet skadenzi;

Illi fil-fond hemm hsarat u nuqqas serju ta’ manutenzjoni u dan jikkostitwixxi lezjoni tal-pattijiet lokatizzji;

Illi l-uniku interess li jidher li ghandu l-intimat fil-fond huwa li jinghata xi ammont ta’ flus sabiex jirritorna c-cavetta lir-rikorrenti, kif fil-fatt tiga talab;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex ghar-ragunijiet premessi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom li jirriprendu pussess tal-fond numru 44, Triq San Gejtanu, Hamrun, billi jipprefiggi lill-intimat terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tieghu.

Ra li l-intimat debitament notifikat ai termini ta’ l-art 187 tal-Kap 12 la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti fuq il-kawzali kollha u jawtorizzaha jirriprendu pussess tal-fond 44, Triq San Gejtanu, l-Hamrun; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti zmien xahar – millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------